MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2003

Appell Civili Numru. 7/1998/2

**Elsa armla ta' Victor Camilleri, Lorna Rizzo, xebba, Vincent Anthony Rizzo f'ismu propju u bhala mandatarju tal-assenti Maria armla ta' Hugh Zillo, Noel Rizzo u Anthony Rizzo**

**vs**

**Joseph Rizzo u b'ordni tal-Bord tat-8 ta' Mejju 1998 il-kunjom Rizzo qed jigi sostitwit bil-kunjom Briffa**

**Il-Qorti,**

Dan huwa appell miz-zewg sentenzi tal-Bord dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba moghtija fl-14 ta' Settembru 2001 u fil-25 ta' Ottubru 2002.

**<u>Sentenza ta' l-14 ta' Settembru 2001</u>**
"Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi huma kienu jikru lil Rita Vella l-ghalqa maghrufa bhala ‘Ta’ Zeifi’ fil-Mosta bil-qbiela ta’ sitt liri flus Maltin (Lm6.00) fis-sena pagabbli fil-15 ta’ Awissu b’lura – l-ewwel skadenza hija fil-15 ta’ Awissu 1998.

Illi l-imsemmija Rita Vella mietet u llum l-intimat li mhux membru tal-familja tad-decujus qieghed jokkupa din l-ghalqa u jippretendi li huwa nkwilin tal-istess raba’

Illi dan Joseph Briffa ma jridx jirrilaxxja dan ir-raba li qieghed jokkupa illegalment nonostante li mhux inkwilin skond il-ligi.

Ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tar-raba imsemmi u l-istess intimat jigi kundannat jizgombra mill-istess raba f’terminu perentorju li jigi stabbilit mill-istess Bord.

Ra d-digriet moghti fit-8 ta’ Mejju 1998 a fol 4 tal-atti (ara ukoll fol 16 tal-atti).

Ra r-risposta tal-intimat (fol 15 tal-atti) li biha espona illi in linea preliminari huwa m’ghandu ebda relazzjoni guridika fir-rikors odjern ghax mhuwiex il-legittimu kontradittur u li ghalhekk tali rikors kif intavolat huwa null u bla effett;

Illi ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost dan il-Bord m’ghandux gurisdizzjoni dwar il-meritu a termini tal-artikoli 3 u 4 et sequitur tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta’ Malta u anke kif sancit mill-Qrati tal-Appell taghna u dan stante li rikorrent jista’ jipprocedi biss meta huwa sid il-kera illi jrid jittermina qbiela ezistenti illi anke kif jirrizulta mill-istess rikors dan mhuwiex il-kas odjern.

Illi in meritu u kompletament minghajr pregudizzju ghal fuq premess l-allegazzjonijiet rikorrenti qed jigu ribattuti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra dak verbalizzat u ordnat waqt is-seduta tal-25 ta’ Frar 2000 (fol 19 ibid).

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra n-nota tal-osservazzjoni (fol 80 tal-atti) sottomessa mir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi kif jirrizulta mill-atti ta’ dan ir-rikors jidher li r-rikorrenti odjerni kienu intavolaw avviz (129/96M) li fih talbu l-izgumbrament tal-istess intimat a basi ta’ okkupazzjoni tal-ghalqa in kwistjoni minghajr titolu validu fil-ligi. Mill-provi prodotti waqt s-smiegh tal-avviz imsemmi jirrisulta li :-

1) l-intimat hu n-neputi ta’ Rita Vella ormai mejta u li kienet xebba. Din fil-fatt kienet oht omm l-intimat u rregolat il-wirt tal-assi taghha permezz ta’ testment li jinsab a fol 30 tal-atti. Mill-istess testment jidher li l-intimat hu ko-eredi, flimkien ta’ hutu, tal-istess Rita Vella.

2) L-istess ghalqa kienet, ghal zmien twil, mikrija lill-familja tal-intimat, bl-ahhar kerrej jkun l-istess Rita Vella li mietet matul Settembru 1994.

3) Skond il-konvenut, hu kien ilu jahdem l-istess ghalqa ghal madwar ghaxar snin qabel ma mietet zitu, Rita Vella, l-istess hutu, ko-eredi, kienu accettaw li l-istess intimat jidhol fil-kera, wara li mietet l-istess zija (ara fol 33 ibid).

4) Pero s-sidien ossija r-rikorrenti odjerni ma kienux accettaw il-hlas tal-kera relattiv meta l-intimat offra li jhallsu.

5) L-avviz imsemmi gie deciz, finalment, fit-2 ta’ Ottubru 1997 (ara fol 63 et seq ibid) pero limitatament in konnessjoni ma’ eccezzjoni preliminari dwar inkompetenza tal-Qorti ‘ratione materiae’. Difatti gie stabbilit li f’dan il-kaz il-Bord kien t-Tribunal kompetenti ‘biex jiddelibera u jiddeciedi dwaru u mhux il-Qrati ordinarji’.

6) Din id-decizjoni hi ristretta ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet sottomessi mill-intimat (fol 15 tal-atti).

In rigward l-ewwel eccezzjoni, jidher li din giet sorvolata kif risultanti minn dak verbalizzat a fol 16 tal-atti u fid-digriet moghti fit-8 ta’ Mejju 1998 (fol 4 tal-atti).

In rigward it-tieni eccezzjoni sottomessa mill-atti jidher li fil-kaz in desamina qed jigi trattat l-punt dwar jekk l-intimat ghandu jigi kunsiderat bhala inkwilin protett taht dak stipulat fil-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta’ Malta (ara f’dan ir-rigward fol 80 et seq).

7) Fid-dawl ta’ dak premess, l-eccezzjonijiet in esami ghandhom jigu michuda.

8) A fol 78 hemm accenn li ser tinghata l-eccezzjoni ta’ ‘res judicata’. Din l-eccezzjoni pero ma tistax tregi kif jidher evidenti minn dak li gja inghad fil-paragrafu 5 ‘supra’.

Ghalhekk il-Bord jichad l-eccezzjonijiet hawn fuq specifikati u jordna li dan il-kaz jitkompla jinstema’ in konnessjoni mal-meritu in esami.

Bl-ispejjes riservati.”

**<u>Sentenza tal-25 ta’ Ottubru 2002</u>**

“Il-Bord,

Ra r-rikors in esami li bih ir-rikorrenti wara li ppremettew illi huma kienu jikru lil Rita Vella l-ghalqa maghrufa bhala “Ta Zeifi” fil-Mosta fil-qbiela ta’ sitt liri flus maltin (Lm6.00) fis-sena pagabbli fil-15 ta’ Awissu b’lura l-ewwel skadenza hija fil-15 ta’ Awissu 1998.

Illi l-imsemmija Rita Vella mietet u llum l-intimat li mhux membru tal-familja tad-decujus qieghed jokkupa din l-ghalqa u jippretendi li huwa nkwilin tal-istess raba’.

Illi dan Joseph Briffa ma jridx jirrilaxja dan ir-raba li qieghed jokkupa illegalment nonostante li mhux inkwilin skond il-ligi.

Ir-rikorrenti talbu bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jawtorizzhom jirriprendu l-pussess tar-raba imsemmi u l-istess intimat jigi kundannat jizgombra mill-istess raba f'terminu perentorju li jigi stabilit mill-istess Bord.

Ra d-digriet moghti fit-8 ta' Mejju 1998 a fol 4 tal-atti.

Ra r-risposta tal-intimat a fol 15 tal-atti u li biha espona bir-rispett:

Illi in linea preliminari huwa m'ghandu ebda relazzjoni guridika fir-rikors odjern ghax mhuwiex il-legittimu kontradittur u li ghalhekk tali rikors kif intavolat huwa null u bla effett:

Illi ukoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost dan il-Bord m'ghandux gurisdizzjoni dwar il-meritu a termini tal-artikoli 3 u 4 et sequitur tal-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta u anke kif sancit mill-Qrati tal-Appell taghna u dan stante li rikorrent jista jipprocedi biss meta huwa sid il-kera illi jrid jittermina qbiela ezistenti illi anke kif jirrizulta mill-istess rikors dan mhuwiex il-kaz odjern.

Illi in meritu u kompletament minghajr pregudizzju ghal fuq premess l-allegazzjonijiet rikorrenti qed jigu ribattuti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-atti kollha tal-kawza inkluzi n-noti rispettivi tal-partijiet (fol 80 u fol 95).

<u>Ikkunsidra</u>

Illi in rigward l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati mill-intimat fir-risposta tieghu, issir referenza ghas-sentenza moghtija minn dan il-Bord fl-14 ta' Settembru 2001 (fol 86 et seq tal-istess atti).

Illi, ghalhekk, jrid jigi dicis dak li hemm premess fir-rikors promotur cjoe "Illi l-imsemmija Rita Vella mietet u illum l-intimat li mhux membru tal-familja tad-decuis qieghed jokkupa din l-ghalqa u jippretendi li huwa inkwilin tal-istess raba".

Ikkunsidra

Illi dan il-fatt, ma jidhirx li kien hemm kontestazzjoni. Difatti irrizulta li l-intimat hu n-neputi ta' Rita Vella, ormai mejta u li kienet xebba. Din irregolat il-wirt tal-assi taghha permezz tat-testment anness mal-atti a fol 30. Minn hawnhekk jidher li l-initmat hu wiehed mill-eredi ta' Rita Vella flimkien ma hutu li da parti taghhom accettaw li l-intimat jidhol fil-kera wara li l-istess Rita Vella mietet. In rigward l-ghalqa in kwistjoni jidher li l-ahhar inkwilin kienet l-istess Rita Vella li mietet matul Settembru 1994. In rigward l-intimat, hu sostna li kien ilu jahdem l-istess ghalqa ghal madwar ghaxar snin qabel ma mietet zitu.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti, ghalhekk, jidher li qed jallegaw li l-intimat ma hux inkwilin "protett" skond il-Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk jkun opportun li ssir referenza ghall-artikolu 2 tal-istess Kapitolu dwar tifsir tal-kelma "kerrej" fejn jinghad:-

"Kerrej" tinkludi kull membru tal-familja li jkun cessjonarju tal-kirja, u wara l-mewt tal-kerrej, meta ma jkun hemm ebda membru bhal dak, tinkludi f'ordni ta' preferenza, kull membru tal-familja li jkun legatorju tal-kirja jew li matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kien jghix mal-kerrej jew kien qed jahdem ir-raba mieghu jew ghalih jew ikun il-werriet tal-kerrej ……' L-istess artikolu jiddifinixxi 'membru tal-familja' bhala axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, ragel tat-tifla u l-armla tat-tifel sakemm ma tergax tizzewweg, tal-kerrej minghajr ma tinkludi kollaterali. Jkun ukoll opportun li ssir referenza ghat-tifsir li jinghata fl-istess artikolu ta' 'cessjonarju tal-kirja'.

Ikkunsidra

Illi hu minnu li l-intimat ma jistax jigi konsiderat bhala 'membru tal-familja ta' Rita Vella, zitu stante li ma jidhirx li 'neputi' ('nephew') hu konsiderat bhala tali ghal kull effett u fini tal-ligi 'in materia'.

Illi, pero', hu minnu ukoll, li l-intimat hu 'werriet tal-kerrej' ossija ko-eredi tal-mejta Rita Vella.

Illi, ghalhekk, il-Bord jrid jara jekk fil-kaz in desamina, l-intimat ghadux jissodisfa dawn iz-zewg kriterji flimkien jew jekk jkunx sufficjenti li jissodisfa t-tieni kriterju wahdu.

Illi, kif definit mill-ligi, jidher li 'inkwilin protett', f'kull kaz citat fid-definizzjoni ta' kerrej ghandu jkun 'membru tal-familja' ossija jkun inkwilin protett 'kull membru tal-familja li ….. jkun il-werriet tal-kerrej'.

Illi ghalhekk jidher car li, kif issottomettew ir-rikorrenti fin-nota tal-osservazzjonijiet taghhom '…. mhux kull werriet, legatarju cessjonarju (qabel il-mewt tal-inkwilin) kif ukoll minn kien jahdem ir-raba' in kwistjoni ghandu titolu ghar-raba'" izda jrid jkun ukoll 'membru tal-familja' tal-inkwilin mejjet.

Illi dan premess l-intimat ma jistax jigi konsiderat bhala kerrej protett ghal kull effett u fini fil-ligi 'in materia'.

Ghal dawn il-motivi, jilqa t-talbiet tar-rikorrenti u:

1) jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tar-raba' ossija ghalqa maghrufa bhala 'Ta Zeifi' fil-Mosta;
2) jordna lill-intimat sabiex jizgombra mill-istess ghalqa sal-15 ta' Awissu 2003.

Bl-ispejjes kontra l-istess intimat."

L-obbjezzjonijiet tal-intimat fil-konfront ta' dawn iz-zewg sentenzi jikkonsistu fis-segwenti:-

(1) Il-Bord fehem hazin it-tieni eccezzjoni tieghu. Huwa jissottometti illi dak li riedet tfisser din l-eccezzjoni hu li l-Bord ma ghandux gurisdizzjoni ai termini tal-Artikoli 3 u 4 tal-Kap 199 stante li s-sid ma talabx it-terminazzjoni tal-kirja izda l-awtorizazzjoni tar-ripresa tal-pussess tar-raba u l-izgumbrament minnu tieghu. Jissokta jissottometti illi ebda artikolu tal-imsemmi Kap 199 ma jakkorda tali kompetenza lill-Bord adit.
(2) L-osservazzjoni tal-Bord riferibilment ghall-eccezzjoni tar-'res judicata' kienet erronea in kwantu l-aspetti involuti fil-kaz odjern kienu gja gew trattati fid-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Lulju 1996, konfermata in sede appell fit-2 ta' Ottubru 1997, fil-kawza bejn l-istess partijiet.
(3) Il-Bord kien zbaljat fil-meritu meta lilu ma kkwalifikahx bhala "membru tal-familja" tal-precedenti inkwilina tar-raba.

Qabel ezami ta' dawn l-aggravji din il-Qorti, kif presjeduta, b'koerenza ma' dak minnha ritenut f'decizjonijiet ohra taghha ma tistax tonqos li tissenjala r-rizervi taghha dwar kemm kienet guridikament korretta d-decizjoni tal-Qorti ordinarja, u tal-Appell li segwitha, in materja tal-kwestjoni tal-kompetenza. Din l-osservazzjoni qed tigi registrata in kwantu din il-Qorti ma taqbelx illi kwestjoni bhal din kellha tkun imhollija ghall-gudizzju tat-tribunal specjali. Tribunal li ghandu kompetenza limitata fil-parametri tal-Artikolu 3 tal-Kap 199 rigward tibdil tal-kondizzjonijiet tal-kirja f'eghluq it-termini taghha jew, kif irid l-Artikolu 4, li jara jekk ghandux jaghti permess lis-sid li jiehu lura l-pussess tar-raba. In rigward ara decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Gauci -vs- Catherine Kerkoub**", 20 ta' Ottubru, 2003.

Bl-iskop pero` li f'dan il-kaz partikolari tigi evitata anarkija u ngustizzja ma' wahda mill-partijiet, il-Qorti ser ikollha, 'nolens volens', taccetta d-decizjoni ta' din l-istess Qorti, diversament presjeduta, moghtija fit-2 ta' Ottubru 1997 u esebita a fol 63 tal-process.

Kwantu ghall-ewwel aggravju tajjeb li jinghad illi kif koncepita t-tieni eccezzjoni tal-appellant din kienet taghti

‘ad intendere’ illi t-talba tar-rikorrenti appellati setghet issir biss minn min huwa sid. Kien allura korrett il-Bord fl-evalwazzjoni li ghamel ta’ din l-eccezzjoni.

Issa pero` l-appellanti qed isostni illi dak li messu ntalab mis-sid kellha tkun it-terminazzjoni tal-kirja. Din il-Qorti fil-verita` ma tara xejn stramb jew meqjus bhala guridikament vizzjat il-fatt illi l-appellati ghazlu li juzaw, bhala raguni guridika tat-talba taghhom, il-formula espressa skond l-Art 4 tal-Kap 12. Jigifieri l-lokuzzjoni solita tar-ripreza tal-pussess tar-raba. Dan anke ghaliex mill-premess tal-istess talba johrog car illi l-intimat kerrej taghhom ma kienx inkwilin skond il-ligi. Ligi din li ma tistax ma titqiesx ukoll il-ligi specjali, fic-cirkostanzi maghrufa tad-decizjoni moghtija mill-Qorti ordinarja.

Wiehed, imbaghad, dejjem jista`, fejn mhiex imperattiva xi formula, jadotta l-ekwipollenza tal-kliem meta dawn iwasslu ghall-istess fini u effikacja ta’ l-espress. Huwa ben pacifiku illi “se un attore non esprime in termini chiari ed esplicito il diritto ossia l’azione che esperisce, egli potrebbe usare una equipollenza giuridica nelle parole, e tale da importare un’equivalenza logica e bastante a non incorrere in una nullita`, massima che il rigore circa le identiche parole della legge, e che altre volte costitutiva l’antico sistema delle formole solenni, ora e` abbandonato come sistema proprio dell’infanzia del diritto” (**Scicluna –vs- Carbone**”, Kummerc, 29 ta’ Novembru 1894; “**Camilleri –vs- Abdilla**”, Prim’Awla, 26 ta’ Ottubru 1935; “**Zammit –vs- Caruana**”, Appell, 19 ta’ Mejju 1952.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet dan l-aggravju ma jistax jigi accettat jew akkolt.

It-tieni aggravju jidher li ha spunt mill-kumment tal-Bord fis-sentenza appellata tal-14 ta’ Settembru 2001 illi l-eccezzjoni tar-res judicata ma tistax tregi. Huwa bil-wisq logiku illi l-Bord zbalja meta irraguna dwar eccezzjoni li baqghet wahda effimera in kwantu qatt ma giet formalizzata. Li jfisser illi l-Bord ma setax jokkupa ruhu minn eccezzjoni li mill-atti ma tirrizultax li qatt inghatat. Is-semplici accenn, anke jekk verbalizzat, li eccezzjoni simili

kienet ser tigi sollevata ‘l quddiem ma jfisserx illi din effettivament inghatat.

Anke pero` kieku kellha din il-Qorti taccetta l-proposizzjoni traccjata fis-sentenza “**Fortunato Schembri –vs- Joseph Cachia**”, Appell Civili, 18 ta’ April 1980 fejn sostniet, fuq dak rakkolt minn decizjonijiet anterjuri (**Vol XXIX pII p120**), illi tali eccezzjoni hi ammissibbli anke jekk ma tkunx giet moghtija f’forma specifika, xorta wahda din il-Qorti ma tarax kif simili eccezzjoni tista’ tirnexxi.

“Intqal tajjeb illi l-eccezzione di regiudicata si deve ammettere con molta circospezione, tanto piu` quando trattasi di escludere un diritto jehtieg ghall-eccezzjoni tal-gudikat illi l-kwestjoni tkun giet effettivament deciza bis-sentenza ta’ qabel u mhux biss “li setghet tigi deciza” ….. Jghid il-Mattirolo – “sta soltanto nel dispositivo onde e` principio che la cosa giudicata risiede esclusivamente nella parte disposittiva, non nei motivi” (Diritto Giudiziario Civile, Vol V pag 28) – “**Caterina Gerada –vs- Avukat Dottor Antonio Caruana**”, Appell 7 ta’ Marzu 1958.

Fir-rigward gie osservat ukoll illi “il-ligi tiddistingwi bic-car bejn motivi u disposittiv u trid li kull dikjarazzjoni li fil-hsieb tal-Qorti hija deciziva u obbligatorja ghandha tifforma parti mid-disposittiv u ghalhekk biex jigi stabbilit jekk is-sentenza ta’ qabel tiggustifikax l-eccezzjoni tal-gudikat ghandu jkun ezaminat id-disposittiv ta’ dik is-sentenza u mhux il-motivazzjoni taghha” – “**Francesco Aquilina –vs- Neg. Giuseppe Gasan et**”, Appell Kummercjali, 5 ta’ Novembru 1934.

Applikati dawn il-principji ghal kaz in diskussjoni ma tikkostitwix res judicata s-sentenza tat-2 ta’ Ottubru 1997 billi fiha kull ma gie rizolt kien biss kwestjoni ta’ dritt procedurali rigwardanti l-kompetenza. Il-meritu ma giex aggudikat tant li l-appellant, konvenut f’dik il-kawza, la gie ikkundannat u lanqas liberat. Ghalhekk gjaladarba dik il-Qorti ma ppronunzjatx ruhha fuq il-kwestjoni involuta tal-meritu fil-parti operattiva tas-sentenza, isegwi illi l-appellati odjerni kellhom, u ghandhom, kull dritt jittutelaw id-drittijiet

li baqghu bla mittiefsa b'sentenza li la cahdithom u lanqas laqghethom.

Konsegwentement anke dan l-aggravju tal-appellant mhux fondat.

Kwantu ghat-tielet u l-ahhar aggravju huwa indiskutibilment car minn ezami tat-tifsiriet provvduti mil-ligi illi l-kwalifiki necessarji biex xi hadd jitqies "kerrej" wara l-mewt tal-inkwilin originali huma (a) li jkun cessjonarju tal-kirja jew (b) li jkun legatarju tal-kirja jew (c) li matul l-ahhar sena minnufih qabel il-mewt tal-kerrej, kienx jghix mal-kerrej jew (d) kien jadem ir-raba mieghu jew ghalih jew (e) ikun il-werriet tal-kerrej.

Il-ligi pero` izzid taghmel abbinament importanti hafna ghas-success ta' xi wahda minn dawn ir-rekwiziti. Dik cjoe li l-persuna hekk intitolata tkun "membru tal-familja" tal-kerrej. Fid-definizzjoni moghtija mill-istess Kap 199 din il-frazi "tfisser axxendent lineari, dixxendent lineari, armla jew armel, ragel tat-tifla, u l-armla tat-tifel sakemm ma tergax tizzewweg, tal-kerrej."

L-appellant odjern hu n-neputi tal-kerrejja originarja Rita Vella. Hu wkoll wiehed mill-eredi taghha 'ope testamentatis' u kien ukoll jahdem l-ghalqa ghal madwar ghaxar (10) snin qabel il-mewt ta' zitu. Ciononostante, skond id-definizzjoni appena riportata huwa ma jistax jitqies bhala "membru tal-familja" tal-inkwilina zitu. Huwa ma setax jikkwalifika bhala successur fit-titolu u lanqas bhala cessjonarju tal-kirja ai termini tal-precitata definizzjoni tal-kelma "kerrej" fl-Art 2 tal-Kap imsemmi.

Kif akkolt mid-decizjoni fl-ismijiet "**Pietru u Pawlu ahwa Magro –vs- Abram u Alfred ahwa Mifsud**", Appell, Sede Inferjuri, 29 ta' Jannar 1999, "il-ligi specjali li tirregola t-tigdid ta' kiri tar-raba tipprovdi regoli definiti li jirrestringu r-rilokazzjoni ghal dawk il-membri tal-familja li hi tispecifika fid-definizzjoni fl-artikolu 2. Kien biss f'dawn ic-cirkostanzi li l-legislatur ried li l-qbiela tghaddi u tkompli 'ex lege' fil-persuna ta' "membri tal-familja" ta' l-inkwilin".

Fuq l-istess binarju ta’ hsieb huma s-sentenzi ta’ din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawzi fl-ismijiet “**Michael Caruana –vs- Emanuel Micallef et**”, Appell, Ghawdex, 10 ta’ Lulju 2003; “**Joseph Philip Testaferrata Bonnici et –vs- Perit Carmelo Bonanno et**”, 7 ta’ Lulju 2003 u “**Joseph Camilleri et –vs- Antonio Zammit et**”, 7 ta’ Lulju 2003.

Anke dan l-aggravju allura, in bazi ghall-konsiderazzjonijiet esposti, hu destinat li jfalli.

Ghal dawn il-motivi l-appell interpost mill-intimat appellant qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti. Ghall-fini tal-izgumbrament il-Qorti qed tiffissa perijodu perentorju ta’ xahrejn sabiex l-appellanti jivvaka mill-ghalqa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------